# O Żmien Ħelu...

*Riċerka u Kitba ta'* **Dr Raymond C. Xerri**

# IL-BAJTAR TAX-XEWK

Il-Bajtar tax-xewk. Il-frott ta' din l-pjanta jkun lewn isfar, aħmar jew abjad. Hi pjanta li tibqa' ħadra s-sena kollha billi għandha l-kapaċità li taħżen ħafna ilma fil-pal tagħha, jiġifieri fiz-zokk tal-siġra u mhux fil-weraq bħalma jaħsbu xi wħud. Dan l-ilma jserviha għal tul taż-żmien, speċjalment biex jiġġieled in-nixfa tas-sjuf twal u qliel tagħna. Minħabba dan il-fatt, is-siġra tal-bajtra tax-xewk sar parti sew mill-ambjent tar-raħal tagħna u l-kumplament ta' pajjiżna. Il-ħarruba, il-lewża, il-palm u s-sagħtar huma siġar u pjanti li wkoll sar parti integrali mill-flora tagħna għaliex huma kapaċi jgħixu mingħajr ħafna ilma u jridu s-sħana. Hemm diversi ismijiet li nużaw għal din il-frotta: bajtra ta' Gindja jew ta' Dindja jew ta' l-Indja.

Missirijietna tgħallmu jagħmlu użu minn kull parti tas-siġra. L-ewwel ħa naraw is-siġra kollha għaliex kienet u sa ċertu punt għadha tintuża. L-ewwelnett hi siġra li ma għandiex bżonn ħafna ilma jew xogħol biex wieħed jieħu ħsiebha. Iservi bħala ħajt kenni mill-irħijat qawwija tax-xitwa kif ukoll iservi bħala qasma tar-raba', bejn għalqa u oħra. U x'ingħidu jekk tipprova tgħaddi minn ġo nofs ħajt pali tal-bajtar! M' għandekx ċans. Għalhekk iservi ta' sigurta' għall-bdiewa u l-irziezet. Is-siġra tal-bajtar tax-xewk iżomm il-ħamrija milli tinkines wara xi ħalba xita u b'hekk tajba ħafna biex ma tintilifx ħamrija jew minn għalqa għall-oħra jew tintilef għal dejjem fil-baħar.

F'pajjiżi ta' l-Amerika Ċentrali, partikolarment fil-Messiku minn fejn oriġinat din il-pjanta għandha użu ferm akbar. Tintuża fil-bini tad-djar, sew bħala struttura kif ukoll is-sugu tagħha jitħallat mas-siment; jintuża biex tinħadem għamara rustika kif ukoll issir il-karta mill-fibri tagħha. Isiru *mats*, basktijiet, fanijiet u anke ċertu drapp. Is-sugu tal-werqa jintuża biex isir ċ-*chewing gum*, ix-xema' kif ukoll komponent importanti għad-drapp tal-qoton. Dan minbarra li l-weraq hu ikel eċċellenti għan-nagħaġ, ħnieżer u ż-żwiemel, kif konna nużawħ fir-raħal tagħha.

## Iż-Żokk tas-Siġra

Issa ser naraw għalxiex kull parti tal-pjanta tintuża. Nibdew biz-zokk. Iz-zokk minkejja li hu mimli ilma, hu b'saħħtu ħafna u trid vettura kbira biex tħarrku, bħal gaffa jew siegħat daqqiet bil-mazza, l-għeruq huma fondi u oħrajn jikbru kull fejn jsibu l-ħamrija jew xi toqba fil-blat. Meta tinxef is-siġra, z-zokk isir fertilizzant li jtejjeb il-kwalità tal-ħamrija. Użu ieħor kien biex wieħed jagħti xi mixtla bl-istrixxi tal-fibri taz-zokk niexef. U finalment, il-furnar juża fibri niexfa biex iżomm il-forn tal-ħatab jaqbad iżjed fit-tul.

## Il-Werqa

Il-weraq tal-bajtar tax-xewk. Din il-parti tal-pjanta għandha ħafna użu tintuża għal diversi skopijiet. Bħalma rajna hi ikel eċċellenti għan-nagħaġ, ħnieżer u ż-żwiemel. Il-werqa tintuża bħala kenn għax-xtieli l-aktar mir-riħ qawwi u kiesaħ tal-Majjistral. Meta wieħed jaqta' biċċa mill-werqa jinduna li joħroġ likwidu bajdani u ftit trasparenti. Dan il-likwidu għandu kwalitajiet simili għas-sustanza Aloe Vera, jiġifieri li jfejjaq feriti ta' kull xorta. Niftakar meta kont għadni l-iskola u laqqatt xewka ta' naħla u malli dlikt il-ferita bis-sugu tal-werqa, l-uġieħ naqas ħafna.



## Il-Bajtra tax-Xewk

U x'ingħidu għall-frotta? Mir-riċerka li saret f'diversi universitajiet madwar id-dinja sabu li l-frotta tal-bajtra tax-xewk hi sostanzjuża ħafna. Fil-fatt 85 fil-mija hi ilma, bejn 10 u 15 fil-mija karboidrati b'ammonti sostanzjali ta' vitamina C, sors tajjeb ta' fibre, minerali, bejn 6 u 8 fil-mija glucose u ma tħaxxinx b'ftit kaloriji. Il-frotta bħall-werqa hi miżgħuda b'xewk mad-dawra kollha. Għalhekk biex tittiekol il-frotta, l-ewwel trid tħalliha fl-ilma biex jirtab ix-xewk. Imbagħad b'sikkina ta' l-Għarb jitqattgħu ż-żewġ trufijiet tal-frotta u finalment qata' orizzontali biex imbagħad mill-qoxra toħroġ il-frotta li tittiekol.

Niftakar li jiena u sejjer mid-dar tal-ġenituri tiegħi għall-iskola primarja tal-Qala kont insib lin-nannu tiegħi, Antonio Xerri (il-Mulej jagħtih il-ġenna) bil-qiegħa fuq siġġu fl-għorfa f'Triq Ħondoq ir-Rummien (illum Triq il-Belveder) b'barmil jew tnejn bl-ilma mimli frott tal-bajtar tax-xewk lest biex jittiekol. Kien jiftaħli żewġ frottiet jew tlieta u kont nikolhom qabel inkompli t-triq lejn l-iskola. In-nannu kien jħobb il-bajtar bħal ħafna minn missirijietna u kienet prattika komuni li jieklu ħafna għaliex kien abbundanti fis-sajf.

## Warrabna frotta bnina għall-ikel artifiċjali

Fl-imgħoddi l-kampanja tal-Qala u madwar Għawdex kollu konna naraw msaġar imdaqqsa ta' pjanti tal-bajtar tax-xewk u li llum naqsu ħafna tant li jista' jiġi ż-żmien li jsir rari iżjed mill-llum. Allura meta jkunu ser inħawlu xi ħaġa fl-għalqa tagħna ma ninsewx il-pjanta tal-bajtra tax-xewk. Tagħmel ħafna ġid lilna u lir-raħal tagħna, minbarra li hi frotta tajba u biha żżomm il-figura. Meta tkunu ser tagħtu xi borża lit-tfal ftakar bil-bajtar u warbu l-ikel mimli kimiċi. Missirijietna kienu jieklu ikel tajjeb u sostanzjuż. Aħ! Daħħal xewka, però kemm hi tajba l-bajtra tax-xewk! O żmien ħelu..fejn int?